MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2006

Talba Numru. 517/2006

**Y Plan Events Limited**

**Vs**

**Julia Schembri et.**

**It-Tribunal,**
Ra l-avviz fl-ismijiet premessi, in forza ta' liema s-socjeta` attrici qieghda titlob li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsuha s-somma ta' elf erbgha mija u sebgha (Lm1,407.00) kif jirrizulta illi huwa dovut minnhom u in forza ta' skrittura privata datata 3 t'Awissu, 2005.

Ra illi l-konvenuti ghalkemm debitament notifikati baqghu ma pprezentaw ebda risposta in kontestazzjoni ghall-istess talba.

Sema' x-xhieda ta' Sarah Young in rapprezentanza tas-socjeta` attrici illi kkonferma illi l-ammont mitlub ghadu dovut sal-gurnata tal-lum.

Ra l-atti tal-kawza, inkluz id-dokument esebit li jinsab a fol 2 tal-process.

Ra ukoll illi l-konvenuti naqqsu illi jidhru ghas-seduta tal-lum biex jikkontestaw il-pretenzjoni tas-socjeta` attrici.

It-Tribunal qieghed jaqta’ u jiddeciedi dan il-kaz billi jiddikjara illi l-konvenuti solidalment bejniethom debituri tas-socjeta` attrici s-somma ta’ elf erbgha mija u sebgha Liri (Lm1,407.00) u kwindi qieghed jikkundannhom ihallsu lill-istess socjeta` attrici s-somma msemmija fil-kawza ta’ elf erbgha mija u sebgha Liri (Lm1,407.00) bl-imghaxijiet relattivi dekorribbli mid-data ta’ l-iskrittura privata tat-3 ta’ Awissu, 2005 u bl-ispejjez kollha ta’ din l-kawza a karigu ta’ l-istess konvenuti solidalment bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------